MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2949/2002

**Aquatess Limited**

**Vs**

**Ivan Borg**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talbiet attrici ghall-hlas ta’ Lm158 (mija u tmienja u hamsin lira maltin) dovuti ghall-provvista ta’ ilma.**

**Bl-ispejjes tal-ittri ufficjali datati 14 ta’ Novembru, 2001, 23 ta’ Lulju, 2002, 13 ta’ Marzu, 2002, 23 ta’ Lulju, 2002 u 10 ta’ Ottubru, 2002 u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi**

**pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fid-29 ta' Settembru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas l-ammont ta' Lm158 (mija u tmienja u hamsin lira maltin) bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------